**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-12 ta' Settembru 2018 – NF (C-208/17 P), NG (C-209/17 P), NM (C-210/17 P) vs Il-Kunsill Ewropew**

**(Kawżi Magħquda C-208/17 P u C-210/17 P)** ([1])

***(Appell — Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Dikjarazzjoni UE-Turkija tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Marzu 2016 — Talba għall-annullament)***

(2018/C 399/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* NF (C-208/17 P), NG (C-209/17 P), NM (C-210/17 P) (rappreżentanti: P. O'Shea, BL, I. Whelan, BL, B. Burns, Solicitor)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill Ewropew (rappreżentanti: S. Boelaert, M. Chavrier u J.-P. Hix, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: M. Michelogiannaki u G. Karipsiadis, aġenti)

**Dispożittiv**

1) *L-appelli huma miċħuda bħala manifestament inammissibbli.*

2) *NF, NG u NM huma kkundannati jbatu l-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 231, 17.07.2017.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-6 ta' Settembru 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Giudice di pace di L'Aquila – l-Italja) – Gabriele Di Girolamo vs Ministero della Giustizia**

**(Kawża C-472/17)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Politika soċjali — Xogħol għal żmien determinat — Kummissarji tal-Ġustizzja — Inammissibbiltà manifesta)***

(2018/C 399/17)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Giudice di pace di L'Aquila

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Gabriele Di Girolamo

*Konvenut:* Ministero della Giustizia

*fil-preżenza ta':* Unione Nazionale Giudici di Pace (Unagipa)

**Dispożittiv**

*It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Giudice di pace di L'Aquila (il-Kummissarju tal-Ġustizzja ta' L'Aquila, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Lulju 2017, hija manifestament inammissibbli.*

(1) ĠU C 347, 16.10.2017.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-11 ta' Settembru 2018 – Allstate Insurance Company vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**

**(Kawża C-542/17 P)** (1)

***(Appell — Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali DRIVEWISE — Ċaħda tal-applikazzjoni — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 7(1)(c) — Artikolu 7(2) — Artikolu 75 — Karattru deskrittiv — Neoloġiżmu kompost minn elementi li kull wieħed minnhom huwa deskrittiv tal-karatteristiċi tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati — Destinazzjoni tal-prodotti u tas-servizzi — Żnaturament — Obbligu ta' motivazzjoni)***

(2018/C 399/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Allstate Insurance Company (rappreżentanti: G. Würtenberger u R. Kunze, Rechtsanwälte)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: K. Markakis, aġent)

**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud bħala manifestament infondat.*

2) *Allstate Insurance Company hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 13, 15.1.2018.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-6 ta' Settembru 2018 – Dominique Bilde vs Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-67/18 P)** (1)

***(Appell — Ammissibbiltà — Parlament Ewropew — Leġiżlazzjoni dwar l-ispejjeż u l-allowances tad-deputati tal-Parlament Ewropew — Allowance ta' assistenza Parlamentari — Irkupru tas-sommom imħallsa indebitament)***

(2018/C 399/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Dominique Bilde (rappreżentant: G. Sauveur, avukat)